

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1626

tas-27 ta' Ottubru 2020

**li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd tal-fonsa l-ħamra fl-il-mijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali 3, 4, 5, 6,  
7, 8, 9, 10, 12 u 14 għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgur tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 (²) jistabbilixxi l-kwoti għall-2020.
- (2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdet tal-istokk tal-fonsa l-ħamra fl-il-mijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż, eżawrew il-kwota allokata għalihom għall-2020.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

#### **Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Portugall għall-istokk tal-fonsa l-ħamra fl-il-mijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14 għall-2020 imsemmija fl-Anness għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

### Artikolu 2

#### **Projbizzjonijiet**

1. Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera Portuġiża jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż għandhom jiġi pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jsir tiftix għall-ħut u tħalli, issettjar jew ġbid tal-irkaptu tas-sajd għall-finijiet tas-sajd ta' dak l-istokk.
2. It-trasbord, iż-żamma abbord, l-ipproċċassar abbord, it-trasferment, it-tqegħid f'gaġeġ, is-simna u l-ħatt l-art ta' ħut u ta' prodotti tas-sajd minn dak l-istokk li jinqabdu minn dawk il-bastimenti għandhom jibqgu awtorizzati għall-qabdet meħħuda qabel dik id-data.
3. Qabdet mhux intenzjonati ta' speċijiet minn dak l-istokk minn dawk il-bastimenti għandhom jingħiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd, jiġi rreġistrati, jinħattu l-art u jinqatgħu mill-kwoti f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³).

(¹) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2019 u għall-2020 (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 7).

(³) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

**Artikolu 3****Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kummissjoni  
F'isem il-President  
Virginijus SINKEVIČIUS  
Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS

|                |                                                                           |
|----------------|---------------------------------------------------------------------------|
| Nru            | 29/TQ2025                                                                 |
| Stat Membru    | Il-Portugall                                                              |
| Stokk          | ALF/3X14-                                                                 |
| Speċi          | Fonsa l-ħamra ( <i>Beryx spp.</i> )                                       |
| Żona           | L-iljmijiet tal-Unjoni u internazzjonali 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14 |
| Data tal-ġeluq | 15.10.2020                                                                |